SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 30/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 25/03/'10 259**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 25/03/'10 313**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u skrivana.

1.04 Skuzat: Il-Kunsillier Richard Scicluna.

1.05 Kien preżenti ukoll l-Perit tal-Kunsill.

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-18 ta' Marzu 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Aġġornament Proġetti - Dar għall-Anzjani
   ERDF
3. Tenders - Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-Toroq
   Ġbir ta' Skart Organiku
4. Korrispondenza
5. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets.

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 29/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 29/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Vici Sindku wasal fit-2.40pm.

1.3.06 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġi diskuss item 4 qabel item 2.

1.3.07 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**4 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| 943,K204 | E-mail mingħand Hotel Rafael Spinola rigward il-bankina fi Triq Luigi Apap |
| 950 | E-mail mingħand l-Għaqda tal-Armar Balluta rigward talba għall-*sponsorship* sabiex titella' Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira |

1045,K264 E-mail mingħand is-Sur Olivier Lautier rigward il-pont fuq il-blat fi Spinola

1127 E-mail mingħand l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikultura rigward il-wirja annwali bl-isem *The Great Spring Show*

1145,K284 Ittra mingħand il-MEPA rigward il-proposta sabiex issir *Green Urban Public Transport Terminus* fit-Telgħa ta' San Giljan

K261 Ittra mibgħuta lill-Kunsill Tas-Sliema dwar it-Tender – Ġbir ta' Skart Domestiku

1156 E-mail mingħand is-Sinjura Marie Therese Vassallo rigward il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja tal-Balluta

1202 Ittra mingħand l-Hon. Dr. Chris Said rigward l-Organizzazzjoni ECAD u l-konferenza annwali kontra l-abbuzz tad-droga

1218/K283 Ittra mingħand l-Hon. Dr. Chris Said rigward Memo 32/2010 – Skema ta' Għajnuna lill-Kunsilli li tul is-sena jilqgħu fihom attivitajiet fuq skala Nazzjonali u li jkunu Organizzati Esklussivament mill-Gvern Ċentrali

1244 Ittra mingħand l-ETC rigward l-Iskema: Xogħol fil-Komunita'

1301,K295 Ittra mingħand il-MEPA rigward talba għall-emendi fuq permess nru. PA 05864/03

1322 Ittra mingħand il-Banda San Giljan rigward il-Kunċert tal-Ġimgħa l-Kbira

1324 Ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival

1404, K0333 Memo 45/2010 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Kuntratti ġodda dwar *Resurfacing* ta' Toroq b'sistema ta' *Public Private Partnership*

1407 Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ittra lill-Water Services Corporation

1421 Email mingħand l-Asfaltar rigward il-blockage fid-drenaġġ fi Triq Sant'Elija

1433 Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-penali għal nuqqas ta' informazzjoni għall-mistoqsijiet parlamentari

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 943

4.02 Saret riferenza għall-email mingħand Hotel Rafael Spinola rigward il-bankina fi Triq Luigi Apap. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li:-

- Tintalab stima lill-Perit qabel ma jsiru x-xogħolijiet
- Il-klijent jiġi nfurmat li l-Kunsill ser jitlob stima u jekk il-prezz ikun raġjonevoli, il-Kunsill jikkunsidra dan ix-xogħol. Madankollu l-Kunsill japprezza jekk issir xi kontribuzzjoni min-naħa tal-Hotel Rafeal Spinola.

Rif. Nru. 950

4.03 B'riferenza għall-email mingħand l-Għaqda tal-Armar Balluta rigward il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jorganizza l-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda tal-Armar Balluta u jitħallas l-ammont ta' €233 bħala parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 1156

4.04 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie Therese Vassallo rigward il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Knisja tal-Balluta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' Kunċert nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2001, fil-Knisja tal-Balluta, b'kollaborazzjoni mas-Sinjura Marie Therese Vassallo u jitħallas l-ammont ta' €233 bħala parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 1202

4.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Hon. Dr. Chris Said rigward l-Organizzazzjoni ECAD u l-konferenza annwali kontra l-abbuż tad-droga. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill:-

- Jidħol membru fl-Organizzazzjoni ECAD.
- Jipparteċipa fil-konferenza annwali kontra l-abbuz tad-droga, li ser issir bejn it-22 u l-24 t'April 2010 fil-Kempinski Hotel, Għawdex.
- Jattendu s-Sindku Peter Bonello, il-Kunsilliera Edgar Montanaro u Norman Vella.

Rif. Nru 1244

4.06 Saret riferenza ghall-ittra mingħand l-ETC rigward l-Iskema **Xogħol fil-Komunita'**; Ġie deċiż unanimament li s-Sindku jkellem lis-Sur Gaetano Camilleri sabiex jara jekk huwiex interessat li jibqa'.

Rif. Nru. 1322

4.07 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Banda San Giljan rigward Kunċert tal-Ġimgħa l-Kbira. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill itella' Kunċert fil-31 ta' Marzu 2010, fil-Knisja tal-Kunċizzjoni b'kollaborazzjoni mal-Banda San Ġiljan, u jitħallas l-ammont ta' €233 bħala parti mill-ispejjeż.

Rif. Nru. 1324

4.06 B'riferenza għall-ittra mingħand il-Kunsill Lokali Qala rigward il-Qala International Folk Festival. Ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jipparteċipa, flimkien mal-Kunsill Lokali Qala, fil-Qala International Folk Festival li ser isir bejn il-Ħamis, 16 ta' Settembru u l-Ħadd 19 ta' Settembru 2010, u li jsiru l-istess affarijiet bħas-sena l-oħra.

Rif. Nru. 1407

4.07 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward ittra lill-Water Services Corporation, dwar il-proċeduri biex jingħata permess mill-Kunsilli Lokali lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jimxi mad-direttivi ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

Rif. Nru. 1421

4.08 Saret riferenza għall-email mingħand l-Asfaltar rigward il-*blockage* fid-drenaġġ fi Triq Sant'Elija. Iċ-Chairman spjega li rriżulta li l-ħsara li saret kien responsabbli għaliha s-sid tal-flats. Għalhekk ġie deċiż unanimament li f'kaz li l-Kunsill jirċievi xi fattura mingħand l-Asfaltar, jintalab iħallas għall-ispejjez min għamel il-ħsara.

4.09 Il-Perit Stephen Farrugia wasal 3.30pm.

Rif. Nru. 1145

4.10 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward il-proposta sabiex issir *Green Urban Public Transport Terminus* fit-Telgħa ta' San Giljan. Wara spjegazzjoni mill-Perit ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirtira l-applikazzjoni li saret lill-MEPA.

Rif. Nru. 1301

4.11 Saret riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward talba għall-emendi fuq permess nru. PA 05864/03. Il-Perit spjega kif dawn id-dokumenti diġa ngħataw lill-MEPA darbtejn u kull darba jitilfuhom. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jieħu parir legali u tintalab li ssir laqgħa maċ-Chairman tal-MEPA. Il-Kunsillier Edgar Montanaro ser jieħu ħsieb din il-materja.

**2 Aġġornament Proġetti**

**Dar għall-Anzjani**

2.01 B'riferenza għall-email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (Inc. 1037/10) dwar id-devoluzzjoni ta' l-art, fejn hemm

il-bżonn li ssir applikazzjoni lill-MEPA biex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bil-proġett. Il-Perit għarraf lill-Kunsill li l-applikazzjoni għall-outline development ġiet sottomessa lill-MEPA illum (Ara Appendici 'A').

**Fondi ERDF Priority Axis 2 – Product Development (Memo 11/2010)**

2.02 Saret riferenza għall-Minuti 26/K6/10 u għall-korrispondenza K0184/Memos/10, u K0309/171b&Proj.FI/10, dwar proġett ta' *Upgrading* tal-Bajja tal-Balluta, f'San Ġiljan (Ara Appendici 'B').

2.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi saret laqgħa mal-MEUSAC fejn ġew diskussi dawn il-proġetti u ngħata l-parir li ssir l-applikazzjoni għall-proġett ta' *Upgrading* tal-Bajja tal-Balluta, f'San Ġiljan, peress li hemm aktar ċans li l-Kunsill jiggwadanja mill-fondi. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jagħmel applikazzjoni għall-*Upgrading* tal-Bajja tal-Balluta, f'San Ġiljan.

**3 Tenders**

**Manutenzjoni tas-Sinjali u Marki tat-Toroq**

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tas-*schedule* flimkien mar-rakkomandazzjoni tal-Perit (Ara Appendici 'C')

3.02 Wara diskussjoni qasira u fuq rakkomandazzjoni tal-Perit, il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona li tingħazel l-offerta tal-Fix All.

3.03 Il-Kunsillier Karl Gouder issekondah.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Ġbir ta' Skart Organiku**

3.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li t-tender għall-ġbir ta' skart organiku nħareg flimkien mal-Kunsill Lokali Tas-Sliema. L-avviz fil-gazetta ta' l-EU deher fil-15 ta' Marzu 2010 filwaqt li l-avviz fil-Gazetta tal-Gvern u f'The Malta Indepandent ser jidhru fis-6 t'April 2010. Id-data ta' l-għeluq tat-tender huwa fl-10 ta' Mejju 2010 fl-10.00 ta' filgħodu. Iż-żmien li jista' jinġabar it-tender document għal min japplika mill-EU huwa sas-26 t'April 2010 filwaqt li iż-żmien li jista' jinġabar it-tender document lokalment huwa sat-30 t'April 2010. Il-Kunsilli għandhom jagħżlu żewġ persuni flimkien ma' persuna teknika kull Kunsill għal fuq il-bord ta' l-adjudication.

**5 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

5.02 l-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro issekondah.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2823 sa 2828 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' E ').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2823 sa 2828.

8.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Materji Oħra**

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li ser isir bank ta' l-injam fil-bus shelter li hemm fi Triq San Ġorg. Dan minħabba li meta sar l-embellishment il-livell tal-bankina għola b'konsegwenza li l-

bank originali ma jistax jitwaħħal għaliex il-ġenb tal-*bus shelter* ma jkunx jista' jinfetaħ. Il-Kuntrattur Faces Displays ma jridx jagħmel spejjez.

7.02 Saret riferenza għall-ftehim li kien sar bejn il-Faces Consultants Ltd u l-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali f'isem il-Kunsilli. Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li b'riferenza għal dan il-fteħim ntbagħtet email u ittra r-reġistrata lill-kuntrattur fejn ġie nfurmat li meta jagħlaq it-terminu tal-kuntratt għandu jsir ftehim ġdid u l-Kunsill jista' joħroġ sejħa ġdida għall-offerti. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.03 B'riferenza għall-*coffee morning* għal Jum San Ġiljan, ġie deċiż unanimament, li:-

- tingħażel il-kwotazzjoni tar-Riviera Hotel & Spa. (Ara Appendici 'F').
- din l-attivita' issir nhar il-Ergħba 7 t'April 2010.
- tintalab kwotazzjoni għat-trasport li tinkludi trasport għall-persuni b'diżabilita'.

7.04 Ġie deċiz unanimament li:-

- jinxtara UPS għas-server u apparat meħtieg għal *back-ups*.
- isir *patching* fi Triq Claire E. Engel.
- tintbagħat ittra lill-pulizija sabiex jitneħħa krejn abbandunat fi Triq William Prescott.
- Il-Kunsillier Edgar Montanaro jagħmel follow-up u jieħu azzjoni meħtieġa rigward il-bozza li kienet tneħħiet fi Triq Francesco Balbi.

7.05 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fil-4.55 pm.

**Peter Bonello** — **Helen Walker**
**Sindku** — **Segretarju Eżekuttiv**